**TRIBUNAL INDUSTRIJALI**

**DECIZJONI NUMRU 2395**

**Chairperson: Avv. Charmaine Cristiano Grech**

Kaz Numru: 3188/CCG

Fil-Kwistjoni tax-Xoghol

Bejn

Kevin Cerullo

U

GOAGT Limited
GOAGT (UK) Limited
A2RM Ltd u b'digriet datat 13/03/2014 it-Tribunal
jordna l-kjamata in kawza l-kumpanija Maritime Guard Group Limited

Dwar: tkeċċija mill-impjieg allegata li hi nġusta

Illum 28 ta' Mejju, 2015

Dan il-każ ġie riferut lit-Tribunal Industrijali permezz ta' rikors dwar allegat tkeċċija nġusta. Ai termini tal-Artikolu 78(1) ta' Kap. 452 ma kienx possibli li l-kaz jinstema' u jinqata' kif inhu stipulat fl-Att.

Ir-rikorrenti Kevin Cerullo ddikjara illi fil-konfront tiegħu seħħet tkeċċija nġusta meta ġie kostrett jirriżenja *(constructive dismissal)* u dan għal diversi raġunijiet. Huwa talab lil dan it-Tribunal jogħġbu jiddikjara illi huwa ġie trattat ħażin mill-intimati (jew min minnhom) u għaldaqstant fil-konfront tiegħu saret terminazzjoni nġusta tal-impjieg meta ġie kostrett jirriżenja *(constructive dismissal);* u jgħaddi jagħti kull ordni u/jew rimedju li jidhirlu meħtieġ biex jirrimedja l-ksur taħt dawk il-provvedimenti li jidhru xierqa; u f'kull każ jillikwida dak il-kumpens pagabbli lir-rikorrenti u jikkundanna lis-soċjetajiet ntimati (jew min minnhom) iħallsu lir-rikorrenti l-kumpens u kull ammont hekk likwidat.

Ir-rikorrenti għamel ukoll rikors għal kjamata in kawża minħabba li s-soċjetajiet intimati ddikjaraw illi r-rikorrent kien formalment reġistrat mall-ETC bħala mpjegat tas-soċjeta' Maritime Guard Group Limited (C51865) kif jidher fuq kuntratt ta' mpjieg datat 1 t'Awissu, 2013, (esebit mall-Istatement of Case tar-rikorrenti) liema soċjeta' tifforma parti mill-grupp ta' kumpanniji ntimati u hija reġistrata fl-istess indirizz. It-Tribunal awtorizza s-soċjeta' Maritime Guard Group Limited bħala kjamata in kawża u aċċetta illi tippreżenta risposta.

Fid-dikjarazzjoni tiegħu tal-każ ir-rikorrenti ta stampa tar-relazzjoni tiegħu mall-grupp tal-kumpaniji sa minn meta ġie mpjegat mill-GOAGT fit-8 ta' Marzu, 2011. Ir-rikorrenti spjega li l-kumpannija bagħtitu diversi drabi barra minn Malta fuq xogħol. Hu spjega wkoll kif fil-2011 il-kuntratt tiegħu kien mall-Maritime Intelligence Bureau, li kienet *group company* pero' għamel xi żmien jitħallas minn GOAGT Seychelles u meta mar Dubai tħallas mill-Maritime Guard Group. Huwa qal li huwa ċert li dawn il-kumpanniji huma kollha b'xi mod konnessi ma' A2RM li s-sid tagħha huwa Nick Davies. Ir-rikorrenti ppreżenta kuntratti differenti li huwa ffirma fil-kors tar-relazzjoni tiegħu mall-intimati kif ukoll dokumenti pubbliċi li juru rabta bejn A2RM u GOAGT ma' Gerry Northwood u Nick Davies. Dan juri li huwa dejjem għamel xogħol għall-istess persuna minħabba li xogħlu dejjem kien relatat mall-immaniġjar ta' armed guard operations fuq bastimenti f'ibħra barranin. Ir-rikorrenti ddikjara li huwa ġie mġiegħel jirriżenja mix-xogħol tiegħu mis-superjuri tiegħu Tom Lowry u l-HR Maniġer Gerry Northwood. Huwa rriżenja għax ħass li ma kellu l-ebda triq oħra. Spjega x'kien ġara dakinhar li ġara l-inċident fit-22 t'Ottubru, 2013 fejn kellu xi jgħid ma' Tom Lowry. Dakinhar kien hemm ukoll kollega Matthew Agius li kien impjegat ġdid allura kien qed jingħata taħriġ fuq il-post. Waqt li kien għaddej b'xogħlu r-rikorrenti nduna li kien hemm żball fuq il-programm tal-computer u bħala proċedura huwa rrefera dan lis-senior tiegħu li kien Tom Lowry. Tom Lowry kien aggressiv u rrabjat fil-konfront tiegħu u qallu li m'għandux joqgħod jistaqsi lilu imma kellu jfittex hu. Minħabba li r-rikorrenti ma kienx xogħol fl-aħħar jumejn u Tom Lowry kien, ir-rikorrenti reġa' staqsieh jekk forsi kienx jaf xi ħaġa. Tom Lowry kompla jgħolli leħnu b'mod aggressiv sakemm qallu jitlaq mill-kamra għax qal li kien qed iwaqqagħlu kelmtu quddiem il-kollegi. Deher ukoll irritat ma' Matthew Agius u kien donnu qed iwaħħal fih għax ma kienx jaf x'inhu jiġri. Ir-rikorrenti ammetta li anke hu għolla leħnu forsi ftit aktar milli messu għollieh pero' dan ġara b'reazzjoni għall-attitudni tiegħu fiċ-ċirkostanzi.

Wara l-inċident ir-rikorrenti telaq mill-Ops Room u mar l-HR Department minħabba li hu kien jagħmel xi xogħol hemmhekk. Wara ftit Paul Patterson, li kien jiġi fuqu fl-HR Department qallu biex jitlaq id-dar għaliex Gerry Northwood iddeċieda li jissospendih. Ħadd ma kellmu qabel iddeċidew li jissospenduh. L-għada, nhar it-23 t'Ottubru, 2013, intalab imur l-uffiċċju għal laqgħa 'investigattiva' ma' Gerry Northwood. Is-sur Northwood qallu *"I am sorry this happened this way but I think it is the fairest way to*

*be ılt with really. I know you feel that as the person in your view who's done nothing wrong why should you be the one who gets suspended but actually Tom is your superior and he felt that things were not right he had to ask you to leave the Ops Room and therefore I have ended up with no choice but to take the stand that I have. Ok"* Minn dakinhar l hawn hu ġie mġiegħel iħossu daqs li kieku għamel xi reat kriminali gravi u li kien taħt investigazzjoni sigrieta. Ir-rikorrenti qal li ngħata x'jifhem li s-Sur Northwood interroga xi nies oħra involuti fl-inċident imma hu qatt ma kien preżenti u lanqas ma ġie nfurmat bil-konklużjonijiet sakemm irċieva r-rapport tas-sur Northwood.

Fid-29 t'Ottubru intalab jattendi għal smiegħ tad-dixxiplina nhar il-5 ta' Novembru, 2013, ma' Jane Gower. Huwa ġie akkużat li kien **"deliberately disruptive and insubordinate toward the Operations Manager"**. Is-sinjorina Gower insistiet li jkun akkumpanjat minn kollega jew minn uffiċjal ta' trade union u meta nfurmaha li ħadd mill-kollegi ma kien ħa jakkumpanjah u lanqas ma kellu xi rappreżentant tal-union huwa staqsa setax jieħu l-xi ħaddieħor miegħu. Is-sur Northwood kien ipprepara rapport b'konklużjonjiet li għadda lis-sinjorina Gower. Waqt il-laqgħa s-sinjorina Gower introduċiet ruħha bħala persuna fl-HR indipendenti li ser tisma' l-partijiet involuti u li ser tagħmel rakkomadazzjonijiet lill-kumpannija. Wara sar jaf li s-sinjorina Gower kienet impjegata mal-GOAGT u kienet diġa' ngħatat rapport tas-sur Northwood. Ir-rikorrenti spjega x'ġara waqt is-smiegħ tad-dixxiplina. Wara s-smiegħ filwaqt li kien sospiż ir-rikorrenti kiteb lil Jane Gower xi punti dwar x'kien qed jiġri fil-post tax-xogħol tiegħu u xtaq li jagħmel xi ilmenti. Hu bagħtilha email nhar is-6 ta' Novembru u hi weġbitu talbitu aktar dettalji. Wara hu bagħat email iktar dettaljata. Fil-frattempt kien hemm attentati għal termination package mar-rikorrenti. Fis-17 ta' Novembru kiteb lil Jane Gower biex jara kif ser jibqa' minħabba li ma kien sema' xejn. Jane Gower weġbitu b'risposta għall-ilmenti tiegħu. Meta reġa kkuntattja lil Jane Gower b'mistoqsija dwar jekk il-kumpannija kinitx ħa titlaq minn Malta hija ma weġbitux fuq dan il-punt u qaltlu li ser ikollu smiegħ ieħor tad-dixxiplina. Ir-rikorrenti qal li dan kollu kien farsa u għalkemm kien qed jitħallas waqt is-sospensjoni ħass li ma setax jibqa' jiġi bbuljat u dan anke bi ksur għall-internal policies tal-kumpannija. Dakinhar huwa bagħat ittra lil Jane Gower u lil A2RM fejn għamilha ċara li kien qed jiġi sfurzat jirriżenja anke minħabba l-fatt li probabbli l-kumpannija kienet ser titlaq minn Malta. Ir-rikorrenti qal li sal-ġurnata tal-lum hu kien għadu bla mpjieg.

Fid-dikjarazzjoni tal-każ tas-soċjetajiet GOAGT Limited, GOAGT (UK) Ltd u A2RM Ltd. ġie eċċepit li l-esponenti ma humiex il-leġittimu kuntradituri. Mingħajr preġudizzju għal dak eċċepit, fil-mertu, l-alleġazzjoni illi fil-konfront ta' Kevin Cerullo seħħet tkeċċija nġusta meta ġie kostrett jirriżenja (*constructive dismissal*) u dan għal diversi raġunijiet hija nfondata fil-fatt u fid-dritt stante illi s-soċjetajiet esponenti ma kkommettew l-ebda aġir illegali fil-konfront tar-rikorrenti u lanqas ma tterminaw l-impjieg tar-rikorrenti, kif jiġi ampjament ippruvat waqt il-ġbir tal-provi u l-eventwalment

tr zzjoni tal-każ. Is-soċjetajiet intimati ssottomettew illi fl-ebda ħin ma tterminaw jew ġielu lil Kevin Cerullo jabbanduna l-impjieg tiegħu u għalhekk dan it-tribunal għandu jiċħad it-talba tar-rikorrenti.

Fid-dikjarazzjoni tal-każ il-kumpannija nsistew li mhuwiex minnu li r-rikrorenti ġie mġiegħel jirriżenja u li kellu varji inċidenti fejn kien ikkawża disturbi u kellu problema ma' ta' fuqu, inkluż theddid li ser jirriżenja. Il-kumpannija u l-maniġment dejjem ippruvaw jgħinuh pero' r-rikorrenti dejjem baqa' jinstiga l-kunflitt. Il-kumpannija tat il-verżjoni tagħha tal-fatti tal-każ fejn iddikjarat li filwaqt li r-rikorrenti qal li ntbagħat jaħdem Londra dan mhuwiex minnu għax il-kumpannija lanqas biss għandha uffiċċju f'Londra. Il-kumpannija wkoll iddikjarat li r-rikorrenti kien hedded li jirriżenja jekk jaqtgħulu t-taxxa mill-paga u allura għal xi żmien kienu mġegħla jħallsu paga gross. Dwar l-inċident fejn ġie sospiż il-kumpannija qalet li hu kien sospiż għal sitt ġimgħat qabel ma rriżenja. Waqt is-sospensjoni r-rikorrenti kien qed jirċievi l-paga kollha. Waqt is-smiegħ tad-dixxiplina kien jidher ċar li dan il-proċess kien qed jiġi vvizjat minħabba l-ilmenti varji li kien qed jissottometti r-rikorrenti. ir-rikorrenti rriżenja ftit wara li ġie mistieden għal laqgħa fejn kien ser jiġi diskuss l-esodu tal-investigazzjoni dwar l-ilmenti tiegħu. Hu abbanduna l-post tax-xogħol tiegħu mingħajr biss ta n-notice.

**Sinteżi tax-xhieda**

Ir-rikorrent ppreżenta diversi dokumenti permezz ta' nota fosthom dokument tal-MFSA illi juri illi s-soċjeta' kjamata in kawża Maritime Guard Group Limited sa Settembru 2011 kienet magħrufa bl-isem "Maritime Intelligence Bureau Limited" biex imbagħad biddlet l-isem għal Maritime Guard Group Limited, kopja ta' dokument uffiċjali tal-MFSA li juri illi l-ishma tas-Sur Nicholas Justin Davis ġew trasferiti lejn il-kumpanija ntimata reġistrata fil-UK GOAGT C7746066 (UK Limited), diversi print screens li juru l-konnessjoni bejn il-kumpanniji.

Kevin Cerullo, r-rikorrenti xehed fejn reġa' spjega viva voce d-dikjarazzjoni tiegħu u fejn ukoll ta spjega tar-relazzjoni lavorattiva tiegħu mas-soċjetajiet kollha ntimati. Spjega li ffirma diversi kuntratti ta' mpjieg u li d-diriġenti kienu jinbidlu ta' spiss. Għalkemm iffirma diversi kuntratti dejjem kien ikollu x'jaqsam mall-istess nies. Ir-rikorrenti ppreżenta pay slips li juru li kien qed jitħallas mingħand il-GOAGT Limited u ppreżenta wkoll korrispondenza elettronika li turi l-indirizz elettroniku tiegħu mall-GOAGT. Ippreżenta wkoll appraisal li kien għamillu superjur tiegħu fuq letterhead tal-GOAGT.

La Dayani xehdet li hija taħdem mall-grupp tal-kumpanniji. Meta mpjegat lir-rikorrenti hija kienet Chief Strategy Officer ta' GOAGT Limited. Spjegat li għandhom GOAGT Limited li hija rreġistrata Malta u fir-Renju Unit. Ir-rikorrenti oriġinarjament ġie mpjegat nhar it-8 ta' Marzu mall-Maritime Intelligence Bureau li hija kumpannija rreġistrata Malta. Fit-2 ta' Settembru, 2011, Maritime Intelligence Bureau biddlet isimha għal Maritime Guard Group imma hija l-istess kumpannija bl-istess *company register number* (C51865). Dak iż-żmien ir-rikorrenti tkeċċa waqt li kien fuq probation pero' reġa lura fit-13 ta' Diċembru, 2011. Ix-xhud spjegat kif GOAGT għandha branch f'Malta u l-MGG tipprovdi l-amministrazzjoni u backup support lill-GOAGT u għaldaqstant fejn tidħol reġistrazzjoni mall-ETC kollox isir tramite l-MGG. Hi spjegat li r-rikorrenti kien impjegat ma' MGG u kien jagħmel xogħol għall-MGG li tagħti servizz lill-GOAGT. Hu kien probabbli jirċievi salarju minn kontijiet bankarji differenti għax bħala grupp ta' kumpanniji huma kien jħallsu mill-kont li kien ikollu flus dak iż-żmien.

L-intimati ppreżentaw diversi affidavits fosthom ta' Antoinette Mizzi, li kienet HR Manager u li bdiet taħdem magħhom fil-2011. Spjegat kif ir-rikorrenti beda jaħdem magħhom fl-2011, tkeċċa u reġa' beda jaħdem magħhom ftit wara. Spjegat li fl-2013 darba daħal tard ħafna u flok skuża ruħu beda jġib ħafna skużi li kkawżat frustrazzjoni lilha u lil Tom Lowry. Hija kienet kellmitu wara u żguraha li mhux ser terġa tiġri. Fid-9 t'Ottubru, 2013, Tom Lowry saqsha lir-rikorrenti biex jaħdem flok Sean li kien ma jiflaħx. Hu telaq mill-kamra ftit imfixkel pero' qatt ma semgħatu jgħajjat la magħha u lanqas ma' xi ħadd ieħor. Paul Patterson ma kienx fil-kamra meta kien ġie Tom. Ftit wara Paul daħal u r-rikorrenti talbu joħroġ biex ikellmu. Hija rċiviet Skype message fejn Paul Patterson qalilha li r-rikorrenti kien ser jirriżenja pero' qatt ma rċiviet ittra ta' riżenja. Din ma kinitx l-ewwel darba li r-rikorrenti heddidhom li jirriżenja għax kull meta kien jintalab jagħmel xi ħaġa li ma togħġbux kien jgħid li ser jirriżenja.

Paul Patterson fl-affidavit tiegħu qal li l-ewwel darba li ltaqa' mar-rikorrenti kien f'Novembru 2011. Minħabba li kienu jaħdmu xifts differenti ma tantx kien jafu sakemm grupp żgħir ta' mpjegati marru UAE f'April 2012. Hu qal li r-rikorrenti kien *'hot-headed'* u kien jgħolli leħnu jew jitlaq 'il barra mill-uffiċċju jekk hu jew xi ħadd ieħor jikkoreġuh. Minħabba n-natural tiegħu kien jipprova jevita konfrontazzjoni miegħu. Fir-rigward tal-inċident fl-Operations Room huwa jiftakar lill-Ops Manager jistaqsih dwar xi ħaġa li kien ġara meta kien xogħol hu. Din eskalat f'argument u l-Ops Manager kien qal lir-rikorrenti jitlaq mill-kamra. Ftit wara r-rikorrenti kien qallu li ser jirriżenja. Fil-passat ġieli semgħu jgħid li ser jirreżenja għal raġunijiet varji u hu kien qallu li jrid jagħmel dan bil-miktub. Ir-rikorrenti kien tajjeb f'xogħlu imma kien jilmenta li kien jagħmel xogħol li m'għandux jagħmel hu. Kultant kien karattru diffiċli u ġieli wera disrispett b'għajjat u kliem ħażin. In kontro-eżami Paul Patterson qal li ma

kie fl-ops room dakinhar tal-inċident u ma jħossux komdu jixhed dwar hekk. Hu ftakar li wara l-inċident ir-rikorrenti kellmu u qallu li huwa mdejjaq ħafna u ser jirriżenja. Ix-xhud qal li kien ser ikun bil-leave xi jumejn wara allura ta handover lir-rikorrenti. Kien aktar tard dakinhar li sar jaf li r-rikorrenti kien ser jiġi sospiż anke mix-xogħol tiegħu fl-HR. Huwa ma kienx ikkonsultat dwar is-sospensjoni u ġie biss mgħarraf biha. Patterson qal li ma kienx kuntent b'din id-deċiżjoni minħabba li r-rikorrenti ma setax jagħmel xogħlu waqt li hu kien bil-leave. Patterson qal li r-rikorrenti kien tajjeb ħafna f'xogħlu għax kien jaf l-industrija sew.

Tom Lowry fl-affidavit tiegħu qal li ġie mpjegat mill-kumpannija f'April tal-2010 bħala team leader. Kien intalab jiġi Malta biex jgħin lill-operations watch staff meta x-xogħol beda jikber u riedu l-esperjenza ta' eks militari. Ir-rikorrenti kien wieħed mill-watch leaders ibbażati Malta. Ir-rikorrenti mbagħad telaq l-Ops Department u mar jaħdem f'dipartiment ieħor. Huwa qal li hu u r-rikorrenti kienu jaħdmu flimkien fuq bażi regolari u ġieli kien ikollhom xi jgħidu, ġeneralment għax ir-rikorrenti kien jasal tard. Fl-aħħar tal-2011 ir-rikorrenti tkeċċa għax instab rieqed fuq ix-xogħol. Fil-bidu tal-2012 minħabba nuqqas ta' watch leaders b'esperjenza huwa kien esplora l-possibilta li r-rikorrenti jerġa' jinħatar watch leader. Tom Lowry qal li huwa kien dara l-personalita tar-rikorrenti u kellhom xi argumenti. Meta kien ikollhom konversazzjonijiet weħidhom ir-rikorrenti kien jidher li kien ikun lest jieħu l-pariri u kien anke jidher li jiddispjaċih għall-atteġjament tiegħu. Huwa qal li l-bżonn li jkellem lir-rikorrenti kien dejjem qed jiżdied minħabba li kien qed ikun tard għax-xogħol, jitlob li jitlaq kmieni, kien ukoll igorr fuq il-paga u kien ukoll ifixkel l-Ops Room b'argumenti mall-ħaddiema l-oħra. L-atteġjament immatur tar-rikorrenti kompla jiżdied meta marru lura Malta f'Ġunju 2012. Tom Lowry kompla jsemmi nċidenti oħra fejn ir-rikorrenti wera atteġjament ħażin. Dan l-atteġjament sab il-kulminu tiegħu fl-inċident tat-22 t'Ottubru, 2013. Tom Lowry qal li huwa kien wasal fl-Ops Room biex jieħu over mill-watch leader. Kien hemm Matthew Agius, trainee u r-rikorrenti għassa. Jason Smith kien fuq il-J5 desk u Garrett daħal għal ftit ħin. Lowry qal li għall-bidu ħaseb li r-rikorrenti kien qed jgħid lil Matthew Agius x'għandu jagħmel bl-update tal-J3. Lowry qal li staqsa lir-rikorrenti mistoqsija u meta qallu li aħjar jerġa' jiċċekja għax ma kienx il-każ kif qallu hu, r-rikorrenti beda jgerger. Lowry qal lir-rikorrenti biex jerġa' jaqra l-informazzjoni fl-email għax fiha kien hemm l-informazzjoni kollha. Lowry qal li f'moħħu kellu li juri lit-trainee kif għandu jmur biex iġib l-informazzjoni. Lowry qal lit-trainee biex jinjora lir-rikorrenti u jipprova jsolvi l-kwistjoni huwa għax din tkun good practice għalih. Lowry sadannitant telaq mill-Ops Room u meta mar lura r-rikorrenti kien qed jitkellem ma' Paul. Ir-rikorrenti kien għadu qiegħed igerger li l-informazzjoni kienet ħażina. Meta Lowry qallu li din hija opportunita biex jgħallem lit-trainee fejn għandu jfittex l-informazzjoni dan beda jaġita ruħu u beda jgħidlu 'int il-manager solviha int'. Huwa kien frustrat bl-attitudni tar-rikorrenti għax kien iwaqqagħlu l-awtorita u allura qallu biex jitlaq mill-Ops Room minħabba li l-attitudni tiegħu kien qed ikollha impatt negattiv fuq il-ħaddiema l-oħra.

Garrett Kampff permezz ta' affidavit qal li beda mall-kumpannija f'Marzu 2012. Huwa qal li r-rikorrenti kien bniedem kordjali u ta' ħafna esperjenza fis-settur tagħhom pero' seta' kien ukoll persuna konfrontattiva u li f'ċertu ċirkostanzi kien joħloq ċertu livell ta' disordni. Fix-xhur ta' qabel l-inċident ir-rikorrenti kien mexa mill-Ops Room għar-rwol ta' Assistant DTM u hemm hekk dejjem sabu ta' għajnuna. Il-problemi kienu qamu meta r-rikorrenti talbuh joqgħod fuq il-watch leaders desk għax kemm-il darba qal li ma jridx joqgħod hemm minħabba li kien iħoss li dak xogħol ta' taħtu. Meta l-Ops Manager kien jikkoreġih kien ikun difensiv ħafna u ma kienx juri rispett. Kampff qal li għalkemm hu jammira ħafna lir-rikorrenti minħabba li tajjeb f'xogħlu u dejjem għenu huwa qal ukoll li r-rikorrenti għandu karattru f'saħħtu u jaf ikun konfrontattiv li toħloq disgwid u impatt negattiv fuq l-ambjent tax-xogħol. In kontro-eżami mistoqsi jekk jiftakarx lir-rikorrenti jqum bilwieqfa b'mod agressiv, ix-xhud qal li ma jiftakrux iqum bilwieqfa li jiftakar ilħna mgħollija pero' din kienet normali fl-ambjent tal-operations room. Matthew Agius kien timidu ħafna u Tom Lauri ukoll għolla leħnu. Mistoqsi jekk kienx hemm okkażjonijiet simili fl-ops room Kampff qal li ftit imma ġieli ġraw, anke ma' Tom Lowry. Ix-xhud qal li l-ebda ħaddiem qatt ma ġie sospiż u lanqas Tom Lowry qatt ma ġie sospiż.

Chris Steed permezz t'affidavit qal li beda jaħdem mall-GOAGT fil-UAE nhar it-13 t'April, 2012. L-impressjoni tiegħu kienet li r-rikorrenti kien persuna li tmur tajjeb man-nies pero' matul il-ġurnata nduna li kien jaġixxi b'mod żorr jekk xi ħadd joffrilu soluzzjonijiet. Hu qal li l-karattru tar-rikorrenti huwa wieħed ta' estremi. Jista' jkun ta' għajnuna u jagħti sehmu pero' kien ukoll kapaċi jkun kritiku u jmaqdar lill-kumpannija u lill-ħaddiema. Mill-esperjenza tiegħu fil-ħajja lavorattiva l-attitudni tar-rikorrenti kienet l-agħar waħda li qatt iltaqa' magħha speċjalment fil-konfront tal-Operations Manager. Dwar l-inċident tat-22 t'Ottubru, 2013, Steed qal li huwa daħal fil-kamra meta diġa' kien beda d-disgwid. Huwa kien fil-kamra għal perjodu qasir ħafna. Hemmhekk huwa ra lir-rikorrenti f'argument mall-Operations Manager u jargumenta kontra d-direzzjoni li dan kien qed jagħtih. Steed qal li r-rikorrenti iktar kien preokkupat li jmeri l-informazzjoni minflok jipprova jsolvi l-kwistoni pero' huwa qal li ma kienx hemm tul l-inċident kollu u reġa' daħal fil-kamra meta lir-rikorrenti qalulu jitlaq mill-kamra. Dwar il-Grievance Procedure Steed qal li intalab iwieġeb xi mistoqsijiet mic-Chief Operating Officer b'żewġ persuni oħra xhud. Huwa qal li kien kuntent b'din il-proċedura għax il-mistoqsijiet kienu ġusti u relevanti u min għamillu l-intervista kienu imparzjali.

Ir- preżentant tal-ETC ippreżenta l-employment history tar-rikorrenti u minnha ħareġ li kien hemm perjodi fejn ir-rikorrenti ma kienx irreġistrat għalkemm dan kien jaħdem mall-kumpanniji. Din l-informazzjoni lanqas ma kienet taqbel max-xhieda li kienet tat Layla Dayani f'isem il-kumpanniji.

Gerry Northwood, Chief Operating Officer tal-Golf Group Transit mistoqsi jekk kienx hu li ħareġ ic-charge lir-rikorrenti qal li hu kien investiga l-każ wara li r-rikorrenti ġie sospiż on full pay. Kien hu li flimkien ma' Jane Gower iddeċieda li jisspospendi lir-rikorrenti wara li rċieva telefonata mingħand Tom Lowry dakinhar stess tal-inċident. Meta ġie Malta x-xhud qal li intervista lil kull min kien involut fl-inċident inkluż lil Chris Steed. Ix-xhud ikkonferma li Tom Lowry ma ġiex sospiż. Wara l-investigazzjoni huwa għadda r-rapport lil Jane Gower fejn irrakomanda li jittieħdu passi dixxiplinarji kontra r-rikorrenti. Ma ttieħdu l-ebda passi kontra Tom Lowry għax ma rriżultax li dan aġixxa b'mod inkorrett. Ix-xhud qal li r-rikorrenti kien jibgħatilhom ħafna emails jistaqsi x'ser jiġri minnu pero' ma ftakarx li r-rikorrenti kien bagħat email b'ilmenti oħrajn u li fiha kien talab lil Jane Gower tinvestiga dawk l-ilmenti separatament. Fir-rapport li x-xhud kien għamel kien ħareġ ċar li kien jaraha diffiċli li r-rikorrenti jerġa' jaħdem bħala watch leader. Dan ma kienx ifisser li ma setax jaħdem f'postijiet oħra fil-kumpannija imma mhux fl-operations team. Northwood għamel enfasi li r-rapport tiegħu u dak li kienet ser tagħmel Jane Gower kienu kompletament differenti. Ix-xhud ikkonferma li kien għamel telefonata biex jipprova jasal għal ftehim fuq transazzjoni pero' dan qatt ma mmaterjalizza. Northwood ġie mistoqsi ukoll dwar x'kien jaf x'ġara dakinhar tal-inċident. Għalkemm ir-rikorrenti kien jaħdem part-time fl-HR department Northwood ma kienx staqsa lis-superjuri tar-rikorrenti fl-HR għaliex skont hu l-inċident ġara fl-operations room u tal-HR ma kellhomx x'jaqsmu. Gerry Northwood spjega n-natura tax-xogħol fl-operations room u għalfejn importanti li l-ħaddiema jsegwu l-istruzzjonijiet tal-operations manager. Ix-xhud qal ukoll li l-inċident ma kienx dwar istruzzjonijiet pero' xorta r-rikorrenti kellu jkun ċivili lejn is-superjur tiegħu. Mistoqsi jekk kienx evalwa x-xhieda kollha, nkluż ta' Matthew Agius li kien ħdejn ir-rikorrenti tul l-inċident kollu u li qal li Tom Lowry kien burdata ħażina dakinhar, Gerry Northwood baqa' jinsisti li evalwa x-xhieda kollha u li ddeċieda fuq bilanċ ta' probabbiltajiet.

**Sinteżi tat-trattazjoni**

L-avukat tar-rikorrenti reġa' fakkar lit-Tribunal li dan huwa każ ta' constructive dismissal fejn l-impjegat minkejja li rriżenja hu għamel hekk għax ħass li kellu bilfors jagħmel hekk għax ġie sfurzat bl-aġir, jew nuqqasijiet jew bl-azzjonijiet tal-employer. F'dan il-każ ir-rikorrenti kellu diversi raġunijiet għalfejn iħossu hekk. Mill-ewwel ġurnata beda bil-kwistjonijiet dwar il-kuntratt u meta wassal l-ilmenti tiegħu bil-miktub skont il-grievance procedure dawn qatt ma ttieħdu bis-serjeta. Kien hemm ħafna

loį b bil-kuntratti u llum ir-rikorrenti kellu diversi problemi b'taxxa u sigurta soċjali li ma tħallsux f'ismu. Ir-rikorrenti dejjem kien dedikat lejn xogħlu pero' meta kien hemm il-kwistjoni dan safa sospiż u Tom Lowry li kien imdaħħal fl-argument ukoll ma ġiex sospiż. Meta saret l-investigazzjoni qabel il-proċeduri dixxiplinarji Jerry Northwood kien diġa' wasal għal konklużjoni li r-rikorrenti ma kienx postu f'dak l-operat. Jiġifieri qabel biss beda l-proċess ta' dixxiplina r-rikorrenti kien diġa' nstab ħati. Wara d-disciplinary hearing Gerry Northwood ċempel lir-rikorrenti u talbu xi jrid biex jitlaq li tkompli turi li l-proċess dixxiplinarju kien qed isir biex jgħidu li sar. Kienu qed jgħaddu l-ġimgħat u r-rikorrenti baqa' sospiż. Sadanittant ir-rikorrenti sema' li l-kumpannija kienet ser titlaq minn Malta u hu għadu ma jafx x'ser jiġri minnu. Meta bagħat jistaqsi li Jane Gower u Gerry Northwood jikkonfermaw huwiex minnu li ser jitilqu minn Malta hu baqa' bla risposta. Ingħata risposta biss wara li tefa' r-riżenja tiegħu.

**<u>Kunsiderazzjonijiet tat-Tribunal</u>**

It-Tribunal jirrimarka li wara li l-kumpanniji rrilokaw minn Malta, għalkemm Jane Gower kienet ikkommetiet ruħha taħt ġurament li ser tibqa' ssegwi dan il-każ, intilef kull kuntatt. It-Tribunal għamel diversi attentati sabiex il-kumpanniji jiġu notifikati bil-prosegwiment tal-proċeduri pero' kull attentat kien għalxejn. Għaldaqstant it-Tribunal strieħ fuq ix-xhieda u d-dokumenti li kellu sal-ġurnata tal-aħħar seduta fejn dehret il-kumpannija. Il-konsulent legali tar-rikorrenti ma kellux l-opportunita jagħmel kontro-eżami tas-sinjura Gower għaldaqstant talab l-isfilz tax-xhieda tagħha. Jane Gower xehdet kif ukoll ippreżentat affidavit b'diversi dokumenti annessi. It-Tribunal laqa' din it-talba.

It-Tribunal jinnota li l-kumpannija jew il-grupp ta' kumpanniji aġixxew b'mod mhux korrett mill-bidu nett tar-relazzjoni mar-rikorrenti. Hekk kif ħareġ ċar mix-xhieda ir-rappreżentanti tal-kumpannija lanqas biss kienu jafu ma' liema kumpannija r-rikorrenti kien impjegat. Ħareġ ukoll mix-xhieda li għalkemm ir-rikorrenti kellu kuntratt mall-kumpannija dawn naqsu milli jirreġistrawh mall-ETC.

Jekk wieħed jeżamina x-xhieda joħroġ li r-rikorrenti kien tajjeb ħafna f'xogħlu pero' kellu ċertu problemi mall-awtorita'. Madanakollu l-kollegi tiegħu fl-HR Department ma semmewx dawn il-problemi ta' karattru li ssemmew mill-kollegi l-oħra fl-Operations Department.

Sk dokument preżentat mir-rikorrenti l-kollega tiegħu Matthew Agius li kien preżenti tul l-inċident qal li filwaqt li Tom Lowry kien jidher inkwetat fuq xi ħaġa meta daħal xogħol ir-rikorrenti kien tkellem miegħu dwar nuqqas ta' rqad u xifts irregolari li kienu qed iwaqqgħulu l-moral. Fl-opinjoni ta' Agius, Lowry diġa' kien taħt ammont konsiderevoli ta' stress u dan il-fatt flimkien mar-relazzjoni volatili imma fl-istess ħin ta' ħbiberija bejn it-tnejn wasslet għall-argument. Huwa kien ra diversi argumenti bejn it-tnejn u kien sorpriż kemm dan l-argument eskala malajr. Huwa stramb li Gerry Northwood fl-investigazzjoni tiegħu għażel li jasal għal konklużjoni li l-argument kien kollu tort tar-rikorrenti u ssospenda lilu biss meta kien hemm alternattivi ta' x'seta' jsir sakemm tiġi konkluża l-investigazzjoni u ċjoe jintbagħat jaħdem fid-dipartiment tal-HR fejn jidher li r-rikorrenti kellu relazzjoni tajba mall-kollegi u s-superjuri tiegħu.

Skont ġurisprudenza Ingliża sabiex allegazzjoni ta' constructive dismissal tissussisti jrid ikun hemm ksur fundamentali fil-kuntratt tal-impjieg per eżempju tnaqqis ta' paga, bdil fundamentali fil-ħinijiet tax-xogħol u bdil fundamentali fil-job duties. Anke ksur fl-obbligu ta' fiduċja u kunfidenza bejn iż-żewġ partijiet huma suffiċjenti sabiex ikun hemm constructive dismissal. Fil-każ *Borough of Waltham Forest v. Omilaju [2004] EWCA Civ 1493* il-Qorti tal-Appell Ingliża eżaminat jekk att wieħed jew serje ta' atti huma suffiċjenti biex ikun hemm constructive dismissal. F'dan il-każ il-Qorti tal-Appell qalet li '*the last straw did not have to be an unreasonable or blameworthy act but it could not be a blameless act. The act has to contribute, however slightly, to the breach of trust and confidence.*' Il-ġurisprudenza Ingliża ukoll tgħid li mpjegat li jħoss li hemm xi ksur tal-kuntratt jew tal-prinċipji ta' fiduċja u kunfidenza għandu jaġixxi malajr għaliex jekk iħalli ammont ta' żmien jgħaddi qabel jirriżenja dan ikun aċċetta b'mod taċitu l-kundizzjonijiet ġodda u ma jkunx jista' jeċċepixxi constructive dismissal. F'każijiet ta' dixxiplina is-sanzjonijiet impost għandhom ikun eċċessivi biex ikun jista' jiġi ppruvat constructive dismissal.

Jekk wieħed jeżamina l-fatti tal-każ jidher ċar li l-mod kif ir-rikorrenti ġie trattat tul il-perkors tal-impjieg tiegħu ma kienx dejjem wieħed korrett. Hareġ ukoll mix-xhieda li filwaqt li r-rikorrenti kien talab ma jaħdimx xifts bil-lejl dan xorta kien jintalab jaħdimhom meta huwa xogħlu primarjament kien fid-dipartiment tal-HR. Il-fatt li huwa biss ġie sospiż meta kien hemm l-argument mas-superjur tiegħu u l-fatt li saret investigazzjoni li diġa sabitu ħati, liema nvestigazzjoni ngħatat lill-bord tad-dixxiplina qabel biss bdew il-proċeduri jwassal sabiex r-rikorrenti jiġi ġġustifikat illi jħossu li ma kienx għad għandu fiduċja fil-kumpannija. Meta ngħata r-rapport tal-investigazzjoni lill-bord tad-dixxiplina dan jista' jitqies bħala att li vvizzja l-proċeduri dixxiplinarji fl-intier tagħhom. Id-diskors li ngħad lir-rikorrenti waqt is-smiegħ tad-dixxiplina kien li beda jġiegħel lir-rikorrenti jissusspetti li s-smiegħ

di: ,linarju kien qed isir bħala messa in xena u paraventu għall-intenzjonijiet tal-kumpannija. Anke l-fatt illi kien hemm tul ta' żmien mhux ġustifikat bejn l-ewwel dehra quddiem il-bord tad-dixxiplina u t-tieni dehra kif ukoll ma kienx jingħata risposta għall-emails tiegħu, huma atti li ġegħlu lir-rikorrenti jitlef il-fiduċja fil-proċess u fil-kumpannija.

**Deċiżjoni**

It-Tribunal għalhekk jikkonkludi li r-rikorrenti pprova li meta rriżenja kien kawża tal-aġir tal-kumpannija u għaldaqstant kien hemm constructive dismissal. Wara li qies iċ- ċirkostanzi tat-tmiem tal-impjieg u wkoll iċ-ċirkostanzi soġġettivi tal-impjegat, sejjer jillikwida kumpens favur ir-rikorrenti. Għal dawn ir-raġunijiet, dan it-Tribunal jiddeċiedi billi fl-ewwel lok jiddikjara fil-konfront tar-rikorrenti saret terminazzjoni nġusta tal-impjieg meta ġie kostrett jirriżenja *(constructive dismissal)* u, għalhekk, a tenur tal-Artikolu 81(2)(a) tal-Kap. 452 tal-Liġijiet ta' Malta qiegħed jiffissa kumpens fl-ammont ta' disat elef euro (€9,000) u jikkundanna lis-soċjetajiet ntimati jħallsu tali kumpens lir-rikorrenti.

**Drittijiet**

Ghall-finijiet ta' l-Avviz Legali 48 tal-1986, dan it-Tribunal jistabilixxi d-drittijiet ta' min assistita l-partijiet fl-ammont ta' €93.17

B'hekk tintemm din il-kwistjoni tax-xoghol.

(Iffirmat)
Avv. Charmaine Cristiano Grech
Chairperson

**Vera Kopja**

M. Psaila

**Marica Psaila**

**Ghas-Segretarju**